

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 7.5.2008  
SEG(2008) 573 finali

Rakkomandazzjoni għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tħassar id-Deċiżjoni 2005/730/KE dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fil-Portugall**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. SFOND

L-Artikolu<sup>1</sup>104 tat-Trattat jistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jevitaw żbilanċi eċċessivi u jiffissa proċedura għall-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tagħhom. Il-proċedura kontra deficiċit eċċessiv (EDP) hija speċifikata aktar fir-Regolament tal-Kunsill<sup>2</sup>(KE) Nru<sup>3</sup>1467/97 dwar “it-tħaffif u l-ikkjarifikar ta’ l-implimentazzjoni tal-proċedura kontra d-deficiċit eċċessiv”<sup>1</sup> li tagħmel parti mill-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir. Skond l-Artikolu 104(2) tat-Trattat, il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-konformità mad-dixxiplina baġitarja abbażi ta’ żewġ kriterji, jiġifieri: (a) jekk id-deficiċit pubbliku ppjanat jew attwali jaqbiżx il-valur ta’ referenza ta’ 3% tal-PGD (sakemm jew il-proporzjon tad-deficiċit ma jkunx naqas sostanzjalment u kontinwament u jkun laħaq livell li jiġi qrib il-valur ta’ referenza; jew, alternattivament, l-eċċess fuq il-valur ta’ referenza ma jkunx eċċeżżjonali u temporanju u l-proporzjon jibqa’ qrib il-valur ta’ referenza); u (b) jekk id-dejn pubbliku ma jaqbiżx il-valur ta’ referenza ta’ 60% tal-PGD (sakemm il-proporzjon tad-dejn ikun qed jonqos biżżejjed u jkun qed joqrob b’ritmu sodisfaċenti lejn il-valur ta’ referenza).

Skond il-Protokoll dwar il-proċedura kontra d-deficiċit eċċessiv anness mat-Trattat, il-Kummissjoni tipprovdi d-*data* għall-implimentazzjoni tal-PŻE. Bħala parti mill-applikazzjoni ta’ dan il-Protokoll, l-Istati Membri darbejn fis-sena għandhom jinnotifikaw dwar d-deficiċit ipplanat u d-dejn pubbliku u varjabbli oħra relatati, u dan qabel l-1<sup>o</sup>ta’<sup>o</sup>April u qabel l-1<sup>o</sup>ta’<sup>o</sup>Ottubru, skond Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill<sup>2</sup>(KE) Nru 3605/93.<sup>2,3</sup>

Fit-22<sup>o</sup>ta’<sup>o</sup>Ġunju<sup>o</sup>2005, il-Kummissjoni tat bidu għall-PŻE għall-Portugall permezz ta’ l-adozzjoni ta’ rapport skond l-Artikolu<sup>1</sup>104(3), ibbażat fuq deficiċit pubbliku ġenerali ppjanat ta’ 6.2% tal-PGD u d-dejn mistenni tal-gvern ta’ 66.5% tal-PGD fl-2005 wara li kien diġà 'l fuq minn 60% tal-valur ta’ referenza tal-PGD fl-2003 u l-2004, kif żvelat fl-aġġornament tal-programm ta’ l-istabbiltà tal-Portugall f’Ġunju<sup>o</sup>2005<sup>4</sup>. Fil-20<sup>o</sup>ta’<sup>o</sup>Settembru<sup>o</sup>2005, il-Kunsill iddeċieda, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, li l-Portugall kellu deficiċit eċċessiv skond l-Artikolu<sup>1</sup>104(6)<sup>5</sup>. Fl-istess waqt, u wkoll fuq il-bażi ta’ rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill indirizza r-rakkomandazzjonijiet skond l-Artikolu<sup>1</sup>104(7) lill-Portugall bil-għan li s-sitwazzjoni tad-deficiċit pubbliku eċċessiv tintemm, sa mhux aktar tard mill-2008<sup>6</sup>.

---

<sup>1</sup> ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6. Regolament kif emendat bir-Regolament<sup>2</sup>(KE) Nru<sup>3</sup>1056/2005). Ir-Regolament emendat bir-Regolament<sup>2</sup>(KE) Nru<sup>3</sup>2060 (ĠU L 174, 7.7.2005, p. 5).

<sup>2</sup> ĠU L 332, 31.12.1993, p. 7. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament<sup>2</sup>(KE) Nru<sup>3</sup>2103/2005 (ĠU L 337, 22.12.2005, p. 1).

<sup>3</sup> In-notifika l-iżjed riċenti li ntbagħtet lill-Portugall tidher f’:  
[http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page?\\_pageid=2373,58110711&\\_dad=portal&\\_schema=portal](http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page?_pageid=2373,58110711&_dad=portal&_schema=portal).  
SEG(2005) 836.

<sup>4</sup> ĠU L 274, 20.10.2005, p. 91.

<sup>5</sup> ĠU L 274, 20.10.2005, p. 91.

<sup>6</sup> Id-dokumenti kollha relatati mal-PŻE għall-Portugall jinsabu fis-sit li ġejj:  
[http://ec.europa.eu/economy\\_finance/sg\\_pact\\_fiscal\\_policy/excessive\\_deficit9109\\_en.htm](http://ec.europa.eu/economy_finance/sg_pact_fiscal_policy/excessive_deficit9109_en.htm).

Fir-rakkomandazzjoni tiegħu skond l-Artikolu<sup>o</sup>104(7), il-Kunsill irrakkomanda li "L-awtoritajiet Portugiżi għandhom iniżżlu d-defiċit pubbliku ġenerali taħt it-3<sup>o</sup>% tal-PGD b'mod kredibbli u sostenibbli mhux aktar tard mill-2008 billi jieħdu azzjoni f'qafas ta' terminu medju. Għal dan il-għan, speċifikament, l-awtoritajiet Portugiżi għandhom: jillimitaw d-deterjorament tal-pożizzjoni fiskali fl-2005, billi jassiguraw implimentazzjoni rigoruża tal-miżuri korrettivi mħabbra; jimplementaw b'mod sħiħ il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw korrezzjoni sostenibbli u mmarkata ta' defiċit aġġustat ċiklikament, billi jeskludu miżuri ta' darba u oħrajn temporanji, billi jieħdu pass sostanzjali ħafna ta' tnaqqis għal 1.5<sup>o</sup>% tal-PGD fl-2006 mill-2005, segwit b'aktar tnaqqis sinifikanti ta, mill-inqas, ¾<sup>o</sup>% tal-PGD f'kull waħda mis-sentejn sussegwenti. jimplementaw riformi b'mod rapidu biex irażżnu u jnaqqsu l-infiq fuq is-snin li ġejjin; jaħtfu kwalunkwe opportunità biex iżidu t-tnaqqis tad-defiċit tal-baġit, u jkunu lesti li jadottaw miżuri addizzjonali li jistgħu jkunu meħtieġa biex tinkiseb il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv sa l-2008. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li "L-awtoritajiet Portugiżi għandhom jiżguraw li l-proporzjon tad-dejn gross tal-pubbliku jagħti xejra qawwija 'l isfel u jkun qed joqrob b'ritmu sodisfaċenti lejn il-valur ta' referenza billi jassigura li l-iżviluppi tad-dejn jirriflettu progress fit-tnaqqis tad-defiċit, billi jevitaw transazzjonijiet finanzjarji li jżidu d-dejn, u billi jikkunsidraw b'mod kawtel l-impatt possibbli fuq id-dejn ta' proġetti kbar ta' investiment pubbliku, inklużi dawk fis-sħubija mas-settur privat," Il-Kunsill kien jeħtieġ lill-awtoritajiet Portugiżi biex "itejbu aktar il-ġbir u l-ipproċessar tad-data ġenerali tal-gvern."

Barra dan, il-Kunsill talab lill-awtoritajiet Portugiżi "biex jiżguraw li l-konsolidazzjoni baġitarja li twassal għal sitwazzjoni li fiha l-finanzi pubbliċi jkunu qrib il-bilanċ, jew f'bilanċ favorevoli, fuq terminu ta' żmien medju tkun sostnuta permezz ta' tnaqqis fid-defiċit aġġustat ċiklikament, nett mill-miżuri ta' darba u oħrajn temporanji, għall-inqas b'0.5<sup>o</sup>% tal-PGD kull sena wara li d-defiċit eċċessiv ikun ġie korrett."

**Tabella 1: Aġġustament approvat mill-Kunsill fil-20<sup>o</sup>ta<sup>o</sup>Settembru<sup>o</sup>2005**

| <i>% tal-PGD, sakemm m'hemmx indikazzjoni mod ieħor</i> | <b>2005</b>                   | <b>2006</b> | <b>2007</b>   | <b>2008</b>   |
|---|-------------------------------|-------------|---------------|---------------|
| Bilanċ ġenerali tal-pubbliku                            | defiċit ta' (ta' l-aktar) 6.2 | -4.8        | żbilanċ <4    | żbilanċ <3    |
| <i>tibdil fil-bilanċ strutturali</i>                    |                               | +1.5        | +¾ mill-inqas | +¾ mill-inqas |
| p.m.: Tkabbir reali tal-PGD (%)                         | 0.8                           | 1.4         | 2.2           | 2.6           |

Nota: bilanċ strutturali = bilanċ aġġustat ċiklikament nett minn miżuri ta' darba u oħrajn temporanji

Sors : Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu<sup>o</sup>104(7), li tikkwota l-aġġornament tal-programm ta' stabbiltà ta' Ġunju 2005

Fit-22<sup>o</sup>ta<sup>o</sup>Ġunju<sup>o</sup>2006, jiġifieri wara l-għeluq id-data ta' skadenza ta' 6 xhur għall-azzjoni li tittieħed stipulata fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni għamlet evalwazzjoni ta' l-azzjoni li ttieħdet mill-awtoritajiet Portugiżi bil-għan li jtemmu l-pożizzjoni ta' defiċit pubbliku eċċessiv. Fuq dik il-bażi, adottat komunikazzjoni lill-Kunsill, li kkonkludiet li l-Portugall kien ħa azzjoni li tirrappreżenta progress adegwat lejn il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fil-limiti taż-żmien stipulati mill-Kunsill u li f'dak iż-żmien ma kienx hemm hteġa ta' aktar passi fil-proċedura tad-defiċit eċċessiv tal-Portugall<sup>7</sup>. Fil-laqgħa tiegħu fit-11<sup>o</sup>ta<sup>o</sup>Lulju<sup>o</sup>2006, il-Kunsill qabel ma' din l-evalwazzjoni.

<sup>7</sup> SEG(2006) 786.

Skond l-Artikolu<sup>o</sup>104(12), deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv kellha titħassar fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, meta d-defiċit eċċessiv fl-Istat Membru kkonċernat kien, fl-opinjoni tal-Kunsill, ġie korrett.

## 2. ŻVILUPPI RIĊENTI DWAR ID-DEFIĊIT

Id-*data* pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat) wara r-rapport mill-Portugall qabel l-1<sup>o</sup>ta<sup>o</sup>April<sup>o</sup>2008 tindika li d-defiċit ġenerali tal-pubbliku fl-2007 irrappreżenta 2.6% tal-PGD<sup>8</sup>, li jsegwi riżultati tad-defiċit tal-gvern ta' 6.1% tal-PGD fl-2005 u 3.9% tal-PGD fl-2006 (ara Tabella 2) Minħabba d-defiċit irrapurtat issa u l-valur ta' referenza tad-defiċit, il-probabbiltà li kwalunkwe reviżjoni ġejjiena se ttella' l-proporzjon tad-defiċit tal-pubbliku ta' l-2007 'il fuq minn 3% tal-PGD hija baxxa<sup>9</sup>.

Ix-xejra reċenti tad-defiċit tal-pubbliku mmaterjalizza kontra tkabbir ekonomiku baxx iżda li qed jitjieb bil-mod il-mod, b'rati ta' tkabbir tal-PGD reali resqin minn 0.9% fl-2005 għal 1.3% fl-2006 u 1.9% fl-2007. Id-diskrepanza negattiva fil-produzzjoni hi stmata li naqset xi ffit matul l-istess perjodu.

L-eżekuzzjoni tal-baġit fl-2006 u l-2007 kienet aħjar milli kienet immirata fiż-żmien li kienet haġġet ir-rakkomandazzjoni skond l-Artikolu<sup>o</sup>104(7)<sup>10</sup>. Notevolment, riżultati tad-defiċit f'dawn is-sentejn kienu madwar punt perċentwali tal-PGD iktar baxxi milli kien ippjanat oriġinarjament fl-aġġornament ta' Ġunju 2005 tal-programm ta' l-istabbiltà tal-Portugall<sup>11</sup>. Ir-riżultat baġitarju ta' l-2007 ukoll jitqabbel ma stima ta' 3% tal-PGD ippreżentat fl-aġġornament ta' Diċembru 2007 tal-programm ta' l-istabbiltà tal-Portugall. B'kolloxx, defiċit tal-pubbliku taħt it-3% tal-valur ta' referenza tal-PGD intlaħaq sena qabel id-data ta' skadenza stipulata mill-Kunsill. Kif imħeġġeġ mill-Kunsill fir-rakkomandazzjoni tiegħu skond l-Artikolu<sup>o</sup>104(7), intużat l-opportunità biex iżid it-tnaqqis tad-defiċit tal-baġit, essenzjalment billi jiggarantixxu ġbir tad-dħul aħjar milli mistenni.

---

<sup>8</sup> Sqarrija għall-Istampa ta' l-Eurostat Nru 54 tat-18<sup>o</sup>ta<sup>o</sup>April<sup>o</sup>2008.

<sup>9</sup> Il-proporzjonijiet ta' l-iżbilanċ ġeneralment jiġu riveduti—'il fuq jew 'l isfel—wara l-pubblikazzjoni ta' l-ewwel riżultat fin-notifika tar-Rebbiegħa. Għall-Istati Membri ta' l-UE f'daqqa, ir-reviżjonijiet huma normalment relattivament żgħar u bejn wieħed u ieħor mhux wisq aktar minn żero. Fil-każ tal-Portugall, reviżjonijiet 'il fuq fil-proporzjon tad-defiċit kienu relattivament aktar frekwenti minn reviżjonijiet 'l isfel; Dan jista' jissuġġerixxi li jeżisti bias fil-ġbir ta' l-ewwel riżultati. Madankollu, u anke jekk revizjoniet il-ġejjieni fl-kontijiet tal-gvern Portugiż ma jitgħux ikunu esklużi, *data* ta' l-aħħar snin uriet li hi aktar affidabbli mill-passat.

<sup>10</sup> Meta mqabbla mal-miri fiskali ppreżentati fl-aġġornament ta' Ġunju 2005 tal-programm ta' stabbiltà tal-Portugall, li fuq il-bażi ta' tagħhom kienet bdiet il-proċedura preżenti tad-defiċit eċċessiv, kif deskritt f'Taqsim 1.

<sup>11</sup> Reviżjonijiet fl-aħħar ta' l-2005 u fil-bidu ta' l-2006 tas-serje tad-data tal-PGD irriżultaw f'livelli tal-PGD ogħla, li b'mod mekkaniku haġġu tnaqqis tal-livell tal-proporzjon tad-defiċit ta' madwar ¼ punt perċentwali tal-PGD.

It-tnaqqis tad-defiċit fiskali miksub fl-2006 u l-2007 huma dovuti kemm lill-infiq tal-pubbliku li dejjem qed jaqa' tal-proporzjon tal-PGD u d-dħul dejjem jiżdied tal-proporzjon tal-PGD. Il-proporzjon ta' l-infiq naqas b'madwar 1¼ punti perċentwali tal-PGD fl-2006 u kważi ½ punt perċentwali tal-PGD fl-2007. Fl-istess waqt, il-proporzjon tad-dħul tal-gvern żdied b'xi ¾-punt perċentwali tal-PGD kemm fl-2006 u l-2007. Konsolidazzjoni fiskali li tiddependi l-aktar fuq miżuri strutturali, b'kontribut marġinali minn operazzjoni ta' darba li tiswa 0.1% tal-PGD fl-2007<sup>12</sup>.

Fuq in-naħa ta' l-infiq, stabbilizzazzjoni ta' infiq primarju preżenti mmaterjalizza f'termini reali kemm fl-2006 u l-2007. B'mod partikolari, tnaqqis ta' kumpens ta' l-impjegati tal-gvern kien kruċjali għat-trażżin osservat ta' l-infiq permezz ta' tnaqqis fl-impjiegi pubbliċi u, flivell inqas, permezz tat-trażżin fil-pagi ġej minn aġġornamenti annwali tal-paga taħt l-inflazzjoni u ffriżar ta' żidied fil-ħlas relatat mas-seniorità. Fl-istess ħin, trasferimenti soċjali oħrajn minbarra dawk in natura naqsu xi ftit mir-rati ta' tkabbir għoljin ħafna tas-snin preċedenti. Għal dak ir-riżultat kien hemm kontribut ta' tnaqqis fl-infiq fuq il-pensjonijiet ta' l-anzjani, l-aktar permezz ta' aktar trażżin ta' flussi ta' l-irtirar, u fl-2007, tnaqqis sostanzjali fil-benefiċċji tal-qagħad. Tnaqqis fl-investment pubbliku kien ta' aktar kontribut għat-trażżin ta' l-infiq u għal tnaqqis sussegwenti tad-defiċit ta' madwar ½% tal-PGD fl-2006. Fuq kollox, dawn il-figuri huma konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex timplimenta miżuri biex trażżan l-infiq, li eżempju bħalha kienet ir-riforma ta' l-iskemi tal-pensjoni ta' l-anzjani.

Fuq in-naħa tad-dħul, id-dħul mit-taxxa espanda b'pass mgħaġġel, speċjalment meta jiġi meqjus il-kuntest ta' tkabbir ekonomiku baxx (u. b'mod aktar speċifiku, ta' domanda domestika). Dak jidher li kien ir-riżultat ta' żieda fl-istandard tar-rata tal-VAT b'2 punti perċentwali (għal 21% minn 19%) f'Lulju 2005, miżuri diskrezzjonali biex jiżdiedu r-rati ta' ftit taxxi (taxxi tas-sisa, rata ta' kontribut soċjali għal xi kategoriji tal-ħaddiema, rata tat-taxxa tad-dħul marġinali ġdida tal-persuna fuq id-dħul għoli) u krediti aktar baxxi fuq xi taxxi diretti. Barra minn dan, parti importanti ta' l-ispinta tat-taxxa tista' tkun attribwita lill-profitti ġejjin minn amministrazzjoni mtejba tat-taxxa u konformità li tidher li rriżultat fit-tkabbir tas-sisien tat-taxxa, li fil-biċċa l-kbira tressqu 'l quddiem. Barra minn hekk, l-amministrazzjoni tat-taxxa aktar effiċjenti ppermettiet rati aktar għoljin ta' suċċess fil-ġbir ta' l-arretrati tat-taxxa. Fl-2007, id-dħul tat-taxxa addizzjonali ġie minn irkupru ta' profittabilità għal korporattivi kbar li jħallsu t-taxxa u minn taxxi fuq ġid ta' proprjetà immobiljari. Dħul ieħor (inkluż il-bejgħ ta' l-oġġetti u s-servizzi mill-pubbliku) kiber bi kważi ½-punt perċentwali tal-PGD f'termini akkumulati fl-2006 u l-2007. Sa ċertu punt, dak kien ukoll ir-riżultat ta' rkupru min-nuqqas fil-pagamenti tad-dividend lill-gvern minn intrapriżi statali osservati fl-2005.

L-iżviluppi baġitarji u ekonomiċi deskritti hawn fuq wasslu għal tnaqqis sinifikanti tad-defiċit strutturali (jiġifieri, in-nett tad-defiċit aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u miżuri oħrajn temporanji) fl-2006 u l-2007. Fis-sena preċedenti, intlaħaq tnaqqis ta' xi 2°punti perċentwali tal-PGD, segwit b'aktar tnaqqis b' madwar 1°punt perċentwali tal-PGD f'dan ta' l-aħħar. Dawn ir-riżultati jidher li marru lil hinn ħafna mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu<sup>o</sup>104(7) li titlob għal tnaqqis tal-bilanċ strutturali b'1.5% tal-PGD fl-2006 mill-2005 u, mill-inqas, ¾% tal-PGD fl-2007

---

<sup>12</sup> Relatata ma' kuntratt ta' konċessjoni fuq perjodu ta' żmien twil għall-esplotazzjoni ta' ħajt ta' l-ilqugħ u rreġistrat bħala tnaqqis ta' infiq kapitali ieħor skond ir-regoli ta' l-ESA<sup>o</sup>95.

### 3. STIMA TA' X'SE JKUN ID-DEFIĊIT FIS-SENA 2008 U LIL HINN MINNHA

Skond it-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa 2008 tas-servizzi tal-Kummissjoni, bi tkabbir tal-PGD reali pproġettat ta' 1.7%, id-defiċit ġenerali tal-pubbliku hu mistenni li jonqos għal 2.2% tal-PGD fl-2008. It-tbassir jaqbel mal-mira baġitarja ta' 2.4% tal-PGD stipulat fl-aġġornament ta' Diċembru 2007 tal-programm ta' stabbiltà tal-Portugall (bi tkabbir tal-PGD reali assumat li jiġi għal 2.2%) u b'mira riveduta ta' 2.2% tal-PGD, kif imħabbar fis-26<sup>o</sup>ta<sup>o</sup>Marzu wara l-pubblikazzjoni tar-riżultat baġitarju ta' l-2007.

It-titjib proġettat tal-bilanċ fiskali fl-2008 hu prinċipalment imbuttat mid-dħul. Fl-2008, l-irċevuti tat-taxxi ġenerali huma pproġettati biex ikomplu jżiedu aktar malajr mill-PGD nominali, għalkemm b'mod ċar b'marġini inqas mill-2007. Tabilħaqq, elastiċitajiet tat-taxxa huma mistennija li jibdeu jersqu aktar qrib il-medja storika tagħhom wara l-figuri għoljin ta' snin reċenti, li jirriflettu wkoll il-preżunzjoni li l-profitti marġinali ta' amministrazzjoni mtejba ta' taxxa u l-konformità jistgħu jidħlu fil-fażi tat-tnaqqis. Fl-2008, id-dħul tat-taxxa se jibbenefika minn normalizzazzjoni fid-dħul nett tal-VAT wara t-tnaqqis fil-perjodu ta' rifużjoni massima implimentata fl-2006 u fl-2007. Madankollu, it-tnaqqis fir-rata standard tal-VAT b'1<sup>o</sup>punt ta' perċentwali (minn 21% għal 20%) mill-1<sup>o</sup>ta<sup>o</sup>Lulju<sup>o</sup>2008 se ddgħajjef id-dħul tat-taxxa. Barra minn hekk, dħul ieħor tal-pubbliku hu proġettat li jżid xi ftit bħala sehem mill-PGD grazzi għall-fondi ta' l-UE li qed jżiedu, fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Referenza Strateġika Nazzjonali ġdid<sup>13</sup>. L-infiq għall-proporzjon tal-PGD huwa mbassar li jibqa stabbli. B'mod partikolari, l-infiq tal-personal hu mistenni li jaqa' f'termini tal-PGD b'madwar 0.4<sup>o</sup>punt perċentwali minħabba moderazzjoni fil-paga u t-tnaqqis fl-impjigi fil-gvern ċentrali. Infiq fuq l-imgħaxijiet se jitrażżan bħala riżultat ta' tnaqqis diskrezzjonali fl-istruttura tar-rata ta' l-imgħax ta' ċertifikati ta' tiffdil maħruġa mill-gvern sa mill-bidu ta' l-2008. L-għoti ta' konċessjonijiet ta' digi ġġenerati ta' l-elettriku mill-pubbliku se jimpostaw kontribut ta' darba ta' tnaqqis fid-defiċit ta' kważi 0.2% tal-PGD<sup>14</sup>.

Skond is-suppożizzjoni ta' politika li baqgħet l-istess, it-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa 2008 tas-servizzi tal-Kummissjoni jipproġetta defiċit pubbliku ta' 2.6% tal-PGD fl-2009 kontra suppożizzjoni ta' tkabbir reali tal-PGD ta' 1.6% tal-PGD. L-aġġornament ta' Diċembru<sup>o</sup>2007 tal-programm ta' stabbiltà tal-Portugall stabbilixxa l-mira tal-baġit ta' l-2009 għal 1.5% tal-PGD, kontra suppożizzjoni tat-tkabbir reali tal-PGD ta' 2.8%. Skond it-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa 2008 tas-servizzi tal-Kummissjoni, l-evoluzzjoni fil-bilanċ fiskali hu mistenni li jkun immexxi prinċipalment b'piż tat-taxxa li qed jaqa', li għadu jirrifletti l-impatt tat-tnaqqis fir-rata standard tal-VAT f'Lulju<sup>o</sup>2008. Barra minn hekk, sisien makroekonomiċi importanti għal dħul tat-taxxa bħala konsum domestiku u kumpens ta' l-impjegati huma pproġettati li jibqgħu lura mill-PGD, filwaqt li d-dħul tat-taxxa hi ssoponuta li, kontra s-snin preċedenti, tevolvi f'konformità mas-sisien tat-taxxi rilevanti. Għalhekk huwa ssoponut li t-tkabbir tas-sisien tat-taxxa msemmija f'Taqsim<sup>o</sup>3 kien b'mod essenzjali ta' natura permanenti. Madankollu, jekk parti minn dawn il-profitti juru ex-post natura mhix sostenibbli jew aktar temporanja jew ikunu offiċi bit-tnaqqis ekonomiku, ix-xejriet tal-baġit ikunu aktar mudlama. Il-waqfien ta' l-operat ta' darba implimentat fl-2008 se jtellgħu d-defiċit nominali aktar 'il fuq. L-isfond attwali ta' inċertezza aktar mis-soltu dwar żviluppi finanzjarji u ekonomiċi joħloq numru ta' riskji għall-finanzi pubbliċi.

<sup>13</sup> Fl-istess ħin, dawn l-influssi se jimplikaw ukoll infiq addizzjonali, li konsegwentement itaffi konsiderevolment l-impatt ta' dawk l-irċevuti fuq il-bilanċ ġenerali tal-baġit.

<sup>14</sup> Irreġistrat bħala tnaqqis ta' infiq kapitali ieħor skond ir-regoli ta' l-ESA95, iżda parti mill-proċediment ta' l-operat jintuża biex iħallas il-kumpens tal-kumpaniji li jiġġeneraw l-elettriku biex bil-mod il-mod tirrifletti biss fuq il-prezzijiet tal-konsumatur tal-prezzijiet tal-produzzjoni.

Skond it-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa 2008 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali hu mistenni li jiġie b' ¼°punt ta' perċentwali tal-PGD fl-2008. F'politika li tibqa' l-istess, hu pproġettat li għal 2009 se jmur għall-aġar b' ¼°punt ta' perċentwali tal-PGD. Abbażi ta' dan, pass sostanzjali lejn il-konsolidazzjoni fiskali ma' l-eżekuzzjoni tal-baġit ta' l-2008 u baġit ambizzjuż ta' l-2009 huma meħtieġa biex jiżguraw konfomità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skond l-Artikolu<sup>o</sup>104(7) għal aktar tnaqqis tal-bilanċ strutturali lejn pożizzjoni fuq perjodu taż-żmien medju qrib il-bilanċ jew b'bilanċ pożittiv ta' mill-inqas 0.5°% tal-PGD fis-sena wara li d-defiċit eċċessiv ġie korret.

L-aġġornament ta' Diċembru 2007 tal-programm ta' stabbiltà tal-Portugall stabbilixxa miri ta' defiċit ta 0.4°% tal-PGD fl-2010 u 0.2°% tal-PGD fl-2011. Wieħed għandu jara dawn il-pjanijiet kontra l-isfond issopnut tar-rati tat-tkabbir reali tal-PGD ta' 3°% fis-sentejn li huma. Fl-Opinjoni tiegħu dwar l-aġġornament tal-programm, il-Kunsill ikkunsidra li "l-qagħda baġitarja fil-programm tista' ma tkunx biżżejjed biex tiżgura li l-Objettiv fuq Perjodu taż-Żmien jinkiseb sa l-2010, kif previst fil-programm. Anke jekk il-pass ippjanat għal konsolidazzjoni lejn l-MTO huwa konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, l-aġġustament jista' jeħtieġ sforzi addizzjonali fid-dawl tar-riskji (...)." <sup>15</sup>

#### 4. ŻVILUPPI TAD-DEJN U PROJEZZJONIJIET

Il-proporzjon tad-dejn gross tal-pubbliku qabeż is-60°% tal-valur ta' referenza tal-PGD fl-2005 meta qabeż għal 63.6°% tal-PGD minn 56.9°% tal-PGD fl-2004<sup>16</sup>. Fl-2006, il-proporzjon tad-dejn tela' aktar 'il fuq għal 64.7°% tal-PGD fl-2006 u waqa' lura għal 63.6°% tal-PGD fl-2007. Iż-żieda fil-proporzjon tad-dejn pubbliku rreġistrat fl-2006 kien ir-riżultat ta' defiċit pubbliku primarju għoli u, sa ċertu punt għalkemm b'mod anqas, tal-fatt li r-rata ta' l-imgħax "impliċitu" fuq id-dejn pubbliku qabeż it-tkabbir nominali tal-PGD (l-hekk imsejjaħ effett "snow-ball"). Fl-2007, in-nuqqas fil-proporzjon tad-dejn kien l-aktar minħabba l-aġġustament tal-fluss ta' l-istokk li jnaqqas id-dejn. Sa ċertu punt għalkemm b'mod anqas, l-aċċellerazzjoni tal-PGD u bilanċ pożittiv primarju marġinali taw għajjnuna addizzjonali lill-waġġha tal-proporzjon tad-dejn.

Sal-punt li l-proporzjon tad-dejn niżel fl-2007, it-triq tad-dejn pubbliku osservata kienet konsistenti mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu<sup>o</sup>104(7) ta' l-20<sup>o</sup>ta<sup>o</sup>Settembru<sup>o</sup>2005. Barra dan, fl-2006 u l-2007, operazzjonijiet finanzjarji b'mod globali taw kontribut għal aġġustament tal-fluss ta' l-istokk negattiv u għalhekk kienu ta' għajjnuna għat-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn pubbliku. fl-2006, id-dħul kbir ta' privatizzazzjoni kien ewlieni għat-tnaqqis fl-assi finanzjarji; fl-2007, tnaqqis fid-depożiti u l-valuta kienu ċentrali għall-aktar tnaqqis fl-assi finanzjarji u fl-aġġustament sussegwenti tal-fluss ta' l-istokk li jnaqqas id-dejn. Jekk jiġu esklużi d-dħul ta' privatizzazzjoni u l-valuta u d-depożiti, l-akkwist nett ta' l-assi finanzjarji baqgħu pożittivi fl-2006 u l-2007, li konsegwentement iżidu mal-proporzjon tad-dejn.

Skond it-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa 2008 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-proporzjon tad-dejn pubbliku hu mistenni li jerġa' jitqawwa marġinalment 'il fuq minn 64°% tal-PGD fl-

<sup>15</sup> ĠU C 73, 19.3.2008, p. 6.

<sup>16</sup> Id-differenzi f'dawn iċ-ċifri tad-dejn u dawk stmati fiż-żmien ta' meta inbdiet il-proċedura tad-defiċit eċċessiv jirriflettu l-aktar ir-reviżjonijiet fid-data tal-PGD msemmija fin-nota<sup>o</sup>11 f'qiegħ il-paġna.



2008 u, fuq il-bażi tas-suppożizzjoni ta' l-ebda bidla fil-politika, li jiġi għal 64% fl-2009. Wieħed irid jara dawn l-iżviluppi kontra sfond ta' tkabbir baxx nominali tal-PGD u defiċit tal-pubbliku li għadu relattivament għoli din is-sena u s-sena ddiegħla. Fl-2008, fuq il-bażi ta' pjanijiet spjegati fl-aġġornament tal-programm ta' stabbiltà tal-Portugall f'Diċembru 2007, il-proporzjon tad-dejn hu mistenni li jirrifletti aġġustament ta' fluss ta' stokk pożittiv li jikkorrispondi għal 0.4% tal-PGD<sup>17</sup>. Qed jingħata aktar piż lill-aġġustament ta' l-fluss ta' l-istokk bis-suppożizzjoni li fidi ta' unitajiet tad-dejn 'il fuq mill-valur nominali tiegħu se tiżdied b'mod sinifikanti fil-futur qrib bħala riżultat tat-tibdil fir-remunerazzjoni ta' ċertifikati tat-tifidil introdotti f'Jannar 2008. Fuq kollox, it-triq tal-proporzjon tad-dejn hi konsistenti mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu<sup>o</sup>104(7) fis-sens li l-evoluzzjoni tiegħu tirrifletti progress fit-tnaqqis tad-defiċit u dak, bejn l-2006 u l-2009 bejn wieħed u ieħor, operazzjonijiet finanzjarji ma jżidux mal-proporzjon tad-dejn.

## 5. KUNSIDERAZZJONIJIET OĦRA

*Skond l-Artikolu<sup>o</sup>104(7), il-Kunsill irrakkomanda l-Portugall biex itejjeb il-għbir u l-ipproċessar ta' data ġenerali pubblika, minħabba d-defiċjenzi ċari fil-kumpilazzjoni ta' statistika affidabbli tal-finanzi pubbliċi.*

*Fl-aħħar numru ta' snin kien hemm tibdil istituzzjonali u titjib tekniku ieħor fil-kumpilazzjoni tal-kontijiet Portugiżi pubbliċi. Dawn jinkludu kooperazzjoni msaħħa kif ukoll diviżjoni tax-xogħol aktar ċara bejn l-Uffiċju ta' l-Istatistika Nazzjonali, il-Ministeru tal-Finanzi u l-bank ċentrali, b'żieda fir-riżorsi, responsabbiltà u kontabbiltà ta' l-Uffiċju ta' l-Istatistika. Notevolment, kmieni fl-2006 ġie ffirmat ftehim bejn dawn it-tliet istituzzjonijiet, bi previżjoni ta' kooperazzjoni fosthom, u l-ħolqien ta' żewġ gruppi ta' ħidma biex janalizzaw il-kontijiet tal-gvern qabel kull notifika fiskali u biex jiddiskutu kwistjonijiet metodoloġiċi<sup>18</sup>. Dawn il-bidliet huma mistennija li jikkontribwixxu mal-kwalità ta' l-istatistika tas-settur pubbliku. Il-kumpilazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' kontijiet pubbliċi ta' kull tliet xhur għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-affidabbiltà u l-kwalità ġenerali tal-kontijiet annwali, bħal transazzjonijiet li jeħtieġu trattament speċifiku ta' kontijiet se jkunu identifikati aktar kmieni. Ir-rappurtar f'waqtu ta' data mis-sottosetturi pubbliċi jidher li kien infurzat b'mod aktar attiv; barra dan, informazzjoni dwar eżekuzzjoni baġitarja saret aktar dettaljata u aktar disponibbli fil-ħin. Bħala riżultat, data f'dawn l-aħħar snin uriet li hi aktar affidabbli milli fl-imġhoddi. Kollox ma' kollox, dawn l-iżviluppi jindikaw konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.*

## 6. KONKLUŻJONIJIET

Id-defiċit ġenerali pubbliku naqas b'mod sinifikanti minn 6.1% tal-PGD fl-2005 għal 3.9% tal-PGD fl-2006 u għal 2.6% tal-PGD fl-2007, taħt il-valur ta' referenza ta' 3% tal-PGD. Il-miżuri wara t-tnaqqis tad-defiċit huma l-aktar ta' natura permanenti. Il-bilanċ strutturali,

<sup>17</sup> Dak jidher li hu dovut lil differenza pożittiva bejn defiċit ibbażat fuq l-akkumulazzjoni u fuq kontanti, bħala impliċitu fl-aġġornament tal-programm. Iċ-ċifri ta' aġġustament ta' l-fluss ta' l-istokk kienu aġġustati biex jirriflettaw l-aktar klassifika reċenti mill-awtoritajiet Portugiżi ta' xi injezzjonijiet kapitali f'xi sptarjiet tal-gvern bħala trasferimenti kapitali minflok operazzjonijiet finanzjarji.

<sup>18</sup> 'Acordo de Cooperação Institucional no Domínio das Estatísticas das Administrações Públicas' (Ftehim Istituzzjonali Kooperattiv fil-Qasam ta' l-Istatistika Ġenerali Pubblika); Verżjoni Ingliża disponibbli fuq [http://www.dgo.pt/FP/StatisticsAgreement\\_INE\\_BP\\_DGO.pdf](http://www.dgo.pt/FP/StatisticsAgreement_INE_BP_DGO.pdf) Ara wkoll 'Inventorju Konsolidat ta' sorsi u metodi [għal statistika EDP]', disponibbli fuq: [http://epp.eurostat.ec.europa.eu/pls/portal/docs/PAGE/PGP\\_DS\\_GFS/PGE\\_DS\\_GFS\\_11/EDPI\\_PT\\_2007\\_REV1.PDF](http://epp.eurostat.ec.europa.eu/pls/portal/docs/PAGE/PGP_DS_GFS/PGE_DS_GFS_11/EDPI_PT_2007_REV1.PDF).

jiġifieri l-bilanċ nett aġġustat ċiklikament b'miżuri ta' darba u oħrajn temporanji, tjiebu b'xi 2<sup>o</sup>punti perċentwali tal-PGD fl-2006 u 1<sup>o</sup>punt ta' perċentwali ieħor tal-PGD fl-2007, b'hekk lil hinn ħafna mill-isforzi fiskali rakkomandati mill-Kunsill ta' 1.5<sup>o</sup>% tal-PGD fl-2006 u ta', mill-anqas ¾<sup>o</sup>% tal-PGD fl-2007. Skond it-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa 2008 tas-servizzi tal-Kummissjoni, id-defiċit ta' bażi hu mistenni li jiċkien għal 2.2<sup>o</sup>% tal-PGD fl-2008 (inklużi dawk ta' darba li jammontaw għal kważi 0.2<sup>o</sup>% tal-PGD, li mingħajrhom madankollu d-defiċit jibqa' xorta taħt it-3<sup>o</sup>% tal-PGD). Fuq il-baży li ma jkunx hemm tibdil fil-politika, id-defiċit huwa pproġettat li jilħaq 2.6<sup>o</sup>% tal-PGD fl-2009. Dan jindika li d-defiċit tnaqqas għal taħt il-livell massimu ta' 3<sup>o</sup>% tal-PGD b'mod kredibbli u sostenibbli.

Id-dejn gross pubbliku ġenerali naqas għal 63.6<sup>o</sup>% tal-PGD fl-2007 minn 64.7<sup>o</sup>% tal-PGD fl-2006. Skond it-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa 2008 tas-servizzi tal-Kummissjoni, id-dejn hu mistenni li jerġa' jiġi kemmxejn fuq saqajh għal xi 64<sup>o</sup>% tal-PGD fl-2008 u għal 64¼<sup>o</sup>% tal-PGD sa l-2009, dan ta' l-aħħar fuq baży li ma jkunx hemm tibdil fil-politika, kontra l-isfond ta' rati ta' tkabbir tal-PGD baxxi u defiċit pubbliku li jibqa' relattivament għoli.

Minn valutazzjoni globali, isegwi li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fil-Portugall ġiet korretta. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Kunsill biex iħassar id-deċiżjoni tiegħu dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Portugall.

**Tabella 2: Żviluppi baġitarji, 2005-2009**

| % tal-PGD, sakemm m'hemmx indikazzjoni mod ieħor                       | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |                   | 2009               |                   |
|--|------|------|------|------|-------------------|--------------------|-------------------|
|  |      |      |      | COM  | SP <sup>(2)</sup> | COM <sup>(3)</sup> | SP <sup>(2)</sup> |
| <b>Bilanċ pubbliku ġenerali</b>  | -6.1 | -3.9 | -2.6 | -2.2 | -2.4              | -2.6               | -1.5              |
|  |      |      |      |      | (-2.2)            |                    |                   |
| - Total tad-dħul:  | 41.6 | 42.4 | 43.1 | 43.6 | 42.7              | 43.3               | 42.8              |
| - Total ta' l-infiq  | 47.7 | 46.3 | 45.7 | 45.7 | 45.1              | 45.9               | 44.4              |
| <i>Li minnhom:</i>   |      |      |      |      |                   |                    |                   |
| - <i>spejjeż fuq l-imgħax</i>  | 2.6  | 2.8  | 2.8  | 2.8  | 2.9               | 2.7                | 2.8               |
| - <i>formazzjoni tal-kapital fiss gross</i>                            | 2.9  | 2.3  | 2.4  | 2.4  | 2.2               | 2.4                | 2.3               |
| <b>Bilanċ primarju</b>   | -3.5 | -1.1 | 0.2  | 0.6  | 0.5               | 0.1                | 1.3               |
| Miżuri ta' darba u temporanji  | -0.1 | 0.0  | 0.1  | 0.2  | 0.0               | 0.0                | 0.0               |
| <b>Bilanċ strutturali(1)</b>   | -5.2 | -3.2 | -2.2 | -1.9 | -1.6              | -2.2               | -1.0              |
| Bilanċ primarju strutturali(1)   | -2.6 | -0.4 | 0.6  | 0.8  | 1.3               | 0.6                | 1.8               |
| <b>Dejn pubbliku gross(4)</b>  | 63.6 | 64.7 | 63.6 | 64.1 | 64.1              | 64.3               | 62.5              |
| It-tibdil fil-proporzjon tad-dejn (a) = (b) + (c) + (d) <sup>(5)</sup> | 5.3  | 1.1  | -1.1 | 0.5  | -0.3              | 0.2                | -1.6              |
| <i>Kontribuzzjonijiet:</i>   |      |      |      |      |                   |                    |                   |
| - <i>il-bilanċ primarju (b)</i>  | 3.5  | 1.1  | -0.1 | -0.6 | -0.5              | -0.1               | -1.3              |
| - <i>l-effett "snow ball" (c)</i>                                      | 0.7  | 0.3  | -0.2 | 0.4  | -0.1              | 0.3                | -0.4              |
| - <i>aġġustament għall-fluss ta' titoli (d)</i>                        | 1.1  | -0.2 | -0.8 | 0.7  | 0.4               | 0.0                | 0.0               |
| <i>Pm Tkabbir reali tal-PGD (%)</i>                                    | 0.9  | 1.3  | 1.9  | 1.7  | 2.2               | 1.6                | 2.8               |
| <i>Pm Diskrepanza bejn il-produzzjoni attwali u potenzjali (6)</i>     | -1.7 | -1.6 | -1.1 | -1.0 | -1.8              | -1.0               | -1.1              |

(1) Il-bilanċ ċiklikament aġġustat (primarju) bl-esklużjoni ta' miżuri ta' darba u temporanji.

(2) Bilanċi aġġustati ċiklikament u bilanċi strutturali u differenzi fil-produzzjoni skond il-programm kif ikkalkulati mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi ta' l-informazzjoni fil-programm.

(3) Suppożizzjoni ta' l-ebda tibdil fil-politika.

(4) It-tibdil fir-relazzjoni tad-dejn gross tista' tkun dekomposta kif ġej

$$\frac{D_t}{Y_t} - \frac{D_{t-1}}{Y_{t-1}} = \frac{PD_t}{Y_t} + \left( \frac{D_{t-1}}{Y_{t-1}} * \frac{i_t - y_t}{1 + y_t} \right) + \frac{SF_t}{Y_t}$$

fejn t hija ż-żmien; D, PD, Y u SF huma rispettivament l-istokk tad-dejn tal-gvern, l-iżbilanċ primarju, il-PGD nominali u l-aġġustament għall-fluss ta' stokk, filwaqt li i u y jirrappreżentaw il-kost medju tad-dejn u t-tkabbir tal-PGD nominali. It-terminu fil-parentesi jirrappreżenta l-effett "valanga" (the snow-ball effect).

(5) Il-komponenti jistgħu ma jgħoddux it-total minhabba tqarrib taċ-cifri.

*Sors:* Tbassir tar-Rebbiegħa 2008 mis-servizzi tal-Kummissjoni (COM) u l-aġġornament tal-programm ta' stabbiltà ta' Diċembru 2007 (SP). Fil-parentesi, l-istima uffċjali ġdida mħabbra mill-awtoritajiet Portugiżi fis-26<sup>o</sup>ta<sup>o</sup>Marzu<sup>o</sup>2008.

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tħassar id-Deċiżjoni 2005/730/KE dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fil-Portugall**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 104(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill<sup>19</sup> 2005/730/KE, wara r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni skond l-Artikolu<sup>o</sup>104(6) tat-Trattat, ġie deċiż li fil-Portugall kien jeżisti defiċit eċċessiv. Il-Kunsill innota li d-defiċit pubbliku ġenerali ppjanat għas sena 2005 kien ta' 6.2% tal-PGD, 'il fuq mit-3% tal-valur ta' referenza tal-PGD skond it-Trattat, filwaqt li d-dejn pubbliku gross ġenerali kien mistenni li jilħaq is-66.5% tal-PGD, 'il fuq mis-60% tal-valur ta' referenza tal-PGD skond it-Trattat.
- (2) Fil-20<sup>o</sup>ta<sup>o</sup>Settembru<sup>o</sup>2005, skond l-Artikolu 104(7) tat-Trattat u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill<sup>o</sup>(KE) Nru 1467/97 tas-7<sup>o</sup>ta<sup>o</sup>Lulju<sup>o</sup>1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv<sup>20</sup>, il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, indirizza lill-Portugall rakkomandazzjoni bil-għan li l-qagħda ta' defiċit eċċessiv tintemm sa mhux aktar tard mill-2008. Ir-rakkomandazzjoni kienet ippubblikata.
- (3) Skond l-Artikolu<sup>o</sup>104(12) tat-Trattat, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha titħassar meta d-defiċit eċċessiv fl-Istat Membru kkonċernat ikun, fil-fehma tal-Kunsill, ġie korrett.
- (4) Skond il-Protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattat, il-Kummissjoni ttiprovdi d-*data* għall-implimentazzjoni tal-proċedura. Bħala parti mill-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, l-Istati Membri jridu jissottomettu *data* dwar id-defiċit u d-djun pubbliċi kif ukoll dwar fatturi varjabbli marbuta ma' dawn, darbtejn fis-sena, jigiġifieri qabel l-1<sup>o</sup>ta<sup>o</sup>April u qabel l-1<sup>o</sup>ta<sup>o</sup>Ottubru, skond l-Artikolu<sup>o</sup>4 tar-Regolament tal-Kunsill<sup>o</sup>(KE) Nru<sup>o</sup>3605/93 tat-22<sup>o</sup>ta<sup>o</sup>Novembru<sup>o</sup>1993 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tad-defiċit eċċessiv anness mat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea<sup>21</sup>.

---

<sup>19</sup> ĠU L 274, 20.10.2005, p. 91.

<sup>20</sup> ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6. Regolament kif emendat bir-Regolament<sup>o</sup>(KE) Nru<sup>o</sup>1056/2005). Ir-Regolament emendat bir-Regolament<sup>o</sup>(KE) Nru<sup>o</sup>2060 (ĠU L 174, 7.7.2005, p. 5).

<sup>21</sup> ĠU L 332, 31.12.1993, p. 7. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament<sup>o</sup>(KE) Nru<sup>o</sup>2103/2005 (ĠU L 337, 22.12.2005, p. 1).

- (5) Fuq il-bażi tad-*data* pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat) skond l-Artikolu<sup>8g(1)</sup> tar-Regolament<sup>o(KE)</sup> Nru<sup>o</sup>3605/93 wara n-notifika mill-Portugall qabel l-1<sup>o</sup>ta<sup>o</sup>April<sup>o</sup>2008 u dwar it-tbassir tar-Rebbiegħa 2008 mis-servizzi tal-Kummissjoni, il-konklużjonijiet li ġejjin huma ġġustifikati:
- id-defiċit ġenerali pubbliku naqas minn 6.1% tal-PGD fl-2005 għal 3.9% tal-PGD fl-2006 u għal 2.6% tal-PGD fl-2007, li hu taħt il-valur ta' referenza ta' 3% tal-PGD. Dan ta' l-aħħar jaqbel b'mira ta' 3% tal-PGD stabbilita fl-aġġornament ta' Diċembru<sup>o</sup>2007 tal-programm ta' stabbiltà tal-Portugall,
  - kemm proporzjon ta' l-infiq pubbliku li qed jaqa' mal-PGD kif ukoll proporzjon ta' dħul li qed jogħla mal-PGD huma kontribwiti mat-titjib fil-bilanċ pubbliku. Il-proporzjon ta' l-infiq naqas b'1¼<sup>o</sup>punti ta' perċentwali tal-PGD fl-2006 u kważi ½<sup>o</sup>punt ta' perċentwali tal-PGD fl-2007. B'mod parallel, il-proporzjon tad-dħul pubbliku żdied b'xi ¾<sup>o</sup>punt ta' perċentwali tal-PGD kemm fl-2006 u l-2007. Il-konsolidazzjoni fiskali kienet tiddependi l-aktar fuq miżuri strutturali, b'kontribut marġinali minn operazzjoni ta' darba li tiswa 0.1% tal-PGD fl-2007. It-titjib fil-bilanċ strutturali (jiġifieri l-bilanċ nett ċiklikament aġġustat ta' miżuri ta' darba jew oħrajn temporanji) hu stmat 2<sup>o</sup>punti ta' perċentwali tal-PGD fl-2006 u 1<sup>o</sup>punt ta' perċentwali tal-PGD fl-2007, li hu konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu<sup>o</sup>104(7) għal tnaqqis tal-bilanċ strutturali b'1.5% tal-PGD fl-2006 u, mill-inqas, ¾<sup>o</sup>% tal-PGD fl-2007,
  - għall-2008, it-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa 2008 tas-servizzi tal-Kummissjoni, jipproġetta li d-defiċit jonqos aktar, għal 2.2% tal-PGD, prinċipalment imbuttat minn xi dħul addizzjonali, bl-eżekuzzjoni baġitarja li tibbenefika minn operazzjoni ta' darba li tnaqqas id-defiċit għal 0.2% tal-PGD. Dan huwa konformi b'mod wiesa' mal-miri tad-defiċit uffiċjali ta' 2,4% tal-PGD stabbiliti fl-aġġornament tal-programm ta' stabbiltà tal-Portugall ta' Diċembru 2007 u l-mira riveduta ta' 2.2% tal-PGD imħabbra mill-awtoritajiet Portugiżi lejn l-aħħar ta' Marzu 2008. Għall-2009, it-tbassir tar-rebbiegħa jipproġetta, abbażi ta' l-ebda bidla fil-politika, defiċit pubbliku ta' 2.6% tal-PGD. Dan jindika li d-defiċit tnaqqas għal taħt il-livell massimu ta' 3% tal-PGD b'mod kredibbli u sostenibbli. Il-bilanċ strutturali huwa stmat li jitjeb b'madwar ¼<sup>o</sup>punt ta' perċentwali tal-PGD fl-2008 u, fuq il-bażi ta' l-ebda tibdil fil-politika, li jmur għall-aħħar b'¼<sup>o</sup>punt ta' perċentwali tal-PGD fl-2009. Wieħed irid jara dan fl-isfond tal-ħtieġa li jsir progress lejn l-għan fuq perjodu ta' żmien medju (MTO) għall-qagħda tal-baġit, li għall-Portugall huwa defiċit strutturali ta' 0/5% tal-PGD,
  - id-dejn gross naqas minn 64.7% tal-PGD fl-2006 għal 63.6% tal-PGD fl-2007. It-tkabbir baxx tal-PGD u d-defiċit pubbliku li jibqa' relattivament għoli stmat fit-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa 2008 tas-servizzi tal-Kummissjoni huma mistennija li joħorġu dejn pubbliku għal xi 64¼<sup>o</sup>% tal-PGD fl-2009.
- (6) Fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv fil-Portugall ġie korrett u d-Deċiżjoni<sup>o</sup>2005/730/KE għandha għalhekk tkun imħassra.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu<sup>o</sup>1*

Minn valutazzjoni globali isegwi li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fil-Portugall ġiet korretta.

*Artikolu<sup>o</sup>2*

Id-Deċiżjoni<sup>o</sup>2005/730/KE hija b'dan imħassra.

*Artikolu<sup>o</sup>3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*